PDF Compressor Pro





*Xogħol ta' preparazzjoni ta' pjanti dettaljati li qiegħed isir mill-kumpanija Taljana Consorzio Ferrara Ricerche*

# Xogħol ta' tindif u dokumentazzjoni

Qiegħed isir xogħol ta' tindif u dokumentazzjoni taċ-Ċittadella u l-madwar bi preparazzjoni għax-xogħol ta' restawr u konsolidazzjoni tal-blat fraġli taħt iċ-Ċittadella li mistenni jibda fi ftit ta' żmien ieħor.

Ix-xogħol jinvolvi l-preparazzjoni ta' pjanti dettaljati u mudelli virtwali 3-dimenzjonali li fuqhom jiġu indikati l-materjal kif ukoll il-ħsarat eżistenti.

Dan ix-xogħol qiegħed isir mill-kumpanija Taljana Consorzio Ferrara Ricerche wara sejħa pubblika għall-offerti taħt is-superviżjoni tal-periti tat-Taqsima tar-Restawr fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

Biex jitwettaq dan il-proġett qiegħda tintuża l-aħħar teknoloġija avvanzata li tagħmel użu minn *laser scanners* bi preċiżjoni għolja ħafna.

Waqt żjara li l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali George Pullicino, flimkien mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, għamlu fiċ-Ċittadella ġie spjegat lilhom ix-xogħlijiet li qegħdin isiru.

85% ta' dan il- proġett huwa ffinanzjat bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013), ninvestu fil-futur tiegħek.

Is-sena li għaddiet inbeda x-xogħol fuq il-*masterplan* taċ-Ċittadella li huwa ko-finanzjat mill-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Erja Ekonomika Ewropea u li għalih qed jikkontribwixxu l-pajjiżi tan-Norveġja, Iżlanda u Liechtenstein.

Il-għan ta' dan il-*masterplan* huwa illi jiġu ndirizzati aspetti ta' turiżmu u faċilitajiet għall-viżitaturi, l-użu tal-art, aspetti ekonomiċi u soċjali, immaniġġjar tat-traffiku, servizzi u infrastruttura u proposti għal tmexxija u immaniġġjar aħjar. Dan l-istudju qiegħed isir mill-kumpanija *Taljana Politecnica Ingegneria e Architettura.*



*Xogħol ta' tindif li qiegħed isir mill-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp*



*Scouts mix-Xagħra flimkien ma' Ana Cristina Marcellino u Luis Aguilar mill-Portugall u Saliha Akbas u Aydan Akbas mit-Turkija, fil-Forti Chambrai*

# Attivitajiet fuq bażi internazzjonali

*Ix-Xagħra Scout Group* laqgħu f'Għawdex, scouts mit-Turkija u l-'*Youth in Action'* tal-Unjoni Ewropea. L-iscouts żaru l-Gżira Għawdxija bħala preparazzjoni għall-kamp internazzjonali li ser isir ġewwa r-Ramla l-Ħamra x-xahar id-dieħel, Awissu.

Barra diskussjonijiet li saru, l-barranin ittieħdu f'diversi postijiet storiċi. Apparti d-diversi attivitajiet rikreattivi li saru għalihom, fosthom *barbeque* fil-Forti Chambrai, Għajnsielem.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Id-Djakni l-ġodda, Maximilian Grech (xellug) u Noel Debono (lemin)*

# Ordinazzjoni tad-Djakonat

Mons Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-Katidral li fiha ordna Djakni lis-seminaristi Noel Debono mill-parroċċa tan-Nadur u Maximilian Grech mill-parroċċa tal-Kattidral.

Mons. Isqof Grech fl-omelija tiegħu enfazizza d-dmir li għandhom dawn id-djakni lejn il-liturġija, li jwasslu l-messaġġ tal-Mulej, jassistu u jgħinu fis-servizz tal-Ewkaristija u jservu lil dawk foqra, batuti u minsija.

L-insara tad-Djoċesi ġew msejħa biex joffru t-talb tagħhom għal dawn il-kandidati li resqu biex jirċievu l-ordni tad-Djakonat .



*Il-Wirja 'A Journey into the Past'. Jidhru l-artist Carmel Theuma (lemin) u Tony Borg (fuq in-naħa ta' barra)*

# Wirja ta' Pittura

*'A Journey into the Past'* huwa l-isem ta' wirja ta' pittura tal-artist Għawdxi Carmel Theuma li għadha kif ttellgħet fil-Banca Giuratale, fil-Belt Victoria. Kif jindika l-isem tal-wirja, Theuma hu ispirat mit-tempji u fdalijiet preistoriċi li jżejnu il-Gżejjer Maltin. Theuma joħodna fuq vjaġġ lura lejn il-passat u l-egħruq tagħna b'taħlita ta' surrealiżmu u fantasija.

Il-Wirja nfetħet uffiċjalment minn Tony Borg, Kap tas-Segretarjat fil-Ministeru għal Għawdex.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***